**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 7

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 7 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 14 ta' Novembru 2024, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 7 ta' Novembru 2024

---

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea — Sindku
- Christopher Vella Petroni — Viċi Sindku
- Alfred Grima — Kunsillier
- Alexander Agius — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Sandra Gauci — Kunsillier
- Alan Bugeja — Kunsillier
- Clevion Micallef — Kunsillier
- Joseph Matthew Attard — Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Skużat

- Daryl Connor — Kunsillier

**7.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Daryl Connor

**7.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 6**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il- Kunsillier Clevion Micallef qal li fil-laqgħa numru 5 fl- item ' l-aħħar żviluppi Kaz Fraben' kien staqsa jekk kienx hemm xi forma ta insurance , u jekk kien hemm insurance x'kienet tkopri il-polza . Is-sindku wieġeb li dan suġġett kien ha jiġi diskuss aktar tard għax kien ha jkun preżenti Avukat John Bonello.

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsillier Alex Agius.

Il-kunsill Approva

**7.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku Censu Galea tkellem dwar il-laqgħa li kellu ma CEO ta' Awtorita' ta'Artijiet Sur Robert Vella, f'din il-laqgħa dwar il-possibilta li jkun hemm tibdil zgħir f'sit mgħoti lill-kunsill għal-żvilupp ta' Centru Civiku. Is-Sindku nforma li għandha jsir laqgħa dwar l-istess sit ma dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi.
Is-Sindku kellem dwar korrispondenza li bagħtet l-assoċjazzjoni tal-kunsilli dwar numru ta *Bus Shelters* li għad jridu jsiru wara li l-kunsill jkun applika DNOS tagħom.
Il-kunsillier Alfred Grima semma li l-kunsill preċedenti kien ssottometta numru ta DNOS għal whud mill-*Bus Shelters* . Il-kunsillier Alfred Grima staqsa jekk nistawx nagħamlu uzu minn dawn DNOS. Is-Sindku wieġeb li l'Awtorita tal-Ippjanar ma tippermettix dan.
Il-kunsillier Alfred Grima staqsa dwar il-pagamenti tal ġbir *bulky* .Is-Sindku wieġeb li l-ħlas jsir skond informazzjoni li jagħtu il-persuni responsabbli minn dan il-ġbir u jiġi ċertifikat mill-*contract manager* .

**7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Ġnien Joseph P.Caruana**

Is-Sindku informa li xogħol mexa sew għalkemm fadal sistema ta' dranaġġ u saħaq li l-ġnien jinfetah uffiċjali la darba jkun ċertifikat mill-MCCAA.
Il-kunsillier Alfred Grima issuġġerixxa li l-ex Segretarju Sur Marico Sammut għandu jingħata' forma ta' rikonoxximent fuq xogħol li baqa' jagħmel b'mod volontarju biex il-proġett jkun komplut.

**Programm Muzikali tal-Milied mis- Socjeta Muzikali San Pawl talba ta' €2000**

Is-Sindku rrefera ghal korrispondenza mibgħuta mis-soċjetà biex il-kunsill jikkollabora b'għotja €2000 biex jittella programm mużikali f'żmien il-Milied. Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb lil Direttur Generali Sur Emil Vassallo biex il-kunsill jingħata'xi forma ta direzzjoni dwar x' tip ta ftiehem jista' jsir. Is-Sindku rrefera tweġiba min-naha ta' Direttur Generali li għandu jkun hemm *breakdawn* xi spejjez saru min-naha ta' Socjeta. Is-Sindku sahaq li mhux li kemm tintalab somma u mingħajr ma jkun nafu fuq xix ntefqu jrid jkun hemm xi forma ta *standard* għal kull għaqda li tagħmel talba.
Il-kunsill qabel ma din il-proposta.

**Laqgħat mal-*Enemalta* u *Water* service corportation**

Is-Sindku nforma lill- kunsill f'laqgħat li kellu mal -uffiċjali ta Enemalta li jsiru xogħlijiet fuq madwar tletin triq ghal dak li huwa xogħol ta' *cables*.
Il-kunsillier Alfred Grima rrimarka li kien iddizzpuntat li sar xoġħol f' xhur ta'sajf u li xogħolijiet f'sajf ma jsirux.
Is-Sindku wieġeb li dawn kellhom il-*clearance* mill MTA
Il-Kunsilliera Sandra Smart Costantino qalet li qed jsiru xogħlijiet minn diversi entitajiet mingħajr ma jkunu nfurmat il-kunsill.
Rigward il *water services* Is-sindku qal l-aħħar komunikazzjoni li kellhna li ha jibdew xogħlijiet fit-triq San Pawl f'18 ta' Novembru u wara ħafna diffikultajiet ntlaħaq ftiehem li jkun hemm alternattiva trasport li ha jipprovdih il-waterservices. u jkun hemm avvizi b'tabelli mal- *Bus Stops* kollha.
Il-Kunsillier Alfred Grima issuġġerixxa li avviżi jkunu jispikkaw iktar.

**PA 03209/23 (Progett ta'ex Mavina )**

Is-Sindku nforma lill-kunsill fuq- l- applikazzjoni fejn qabel kienet magħrufa lukanda Mavina li bħala kunsill ma konniex għamilna sottomissjonijiet fil-hin, imma kienet ma ntbagħtet sottomissjoni waħda f'13 ta' Mejju wara li kienet skadiet data sa kemm ridna bħal kunsill nagħmlu sottomissjonijiet tagħna. Is-Sindku żied li ntbagħtet korrispondenza lill-kunsilliera li ha jattendi għall- laqgħa u li kien ha jivvota kontra. Fil-fatt Is-sindku attenda għall-laqgħa u f'isem il-kunsill ivvota kontra. Applikazzjoni ġiet approvata.

**PA 7537/24 Applikazzjoni għal Lido**

Is -Sindku nforma lill-kunsill li diġà ntbagħtet sottomissjoni li spjega li jkun *one liner* li dan mhux biżżejjed speċjalment applikazzjoni tkun ODZ u saħaq li għandna nqabbdu lil xi ħadd biex jagħmel dan. Kien hemm qbil li nqabbdu lil xi hadd, f 'dan il-każ il-perit tal- kunsill u f kull każijiet oħra fejn jkunu jridu nagħmlu oġġezzjoni. Il-kunsillier Alfred Grima qal li fil-passat kull fejn jkun hemm ODZ nagħmlu rappreżentazzjoni.

**Zviluppi dwar il-knis u l-iskart**

Is-Sindku nforma lill- kunsill li issa bdiet titħaddem is-sistema tal GPS u b'hekk il- kunsill jkun jista' jilokolizza fejn jkun sar tindif u knis ta' toroq.

**Talba għal għajnuna lil persuni fil-bzonn fil-lokalita**

Is-Sindku flimkien mal-kunsillier Joseph Matthew Attard spejga li kellhom laqgħa mal-kappillan tal - Qawra.Il-kunsillier Joseph Matthew Attard ta' spjegazzjonijiet ta' sitwazzjoni li domanda kibret għal -għajnuna fejn jidħol ammont ta'ikel,
il-Kappillan qed jitlob li jekk jkun hemm xi *groceries* neqsin il-kunsill jipparteċipa u jissupplixxi f għajnuniet ta' ikel u semma li jingħata *hamper* żgħir għal attivita tal-Milied li jsir għal familji ta' refuġjati. Is-Sindku nforma lil kunsill li Regjun jitlob li kull kunsill jieħu inizjattiva għal żmien il-Milied biex jsir avviż għal għajnuna mill-residenti għal *grocieries* .

**7.5 Aġġornament Gnien Tfulija Burmarrad**

Is-Sindku nforma lill-kunsill li kellu laqgħa ma' Ministru Hon Clifton Grima li nfurmah li b' reżoluzzjoni fil-Parlament li erja kollha tal-kmamar, il-grawnd u il-ġnien għaddiet f'idejn Burmarrad football Club u ghad ried jiġi drafted mill-ministeru xi drittijiet ser jkollna bħal kunsill.
Il-Kunsillier Rachel Williams saqsiet jekk il-kunsill kellux titlu minħabba l-ispejjeż li saru.
Is-sindku wieġeb li titlu ma kellnix u b' mod verbali diġà talab li Ministru għandu jithallas dwar xogħol li kunsill għamel.
Il- kunsillier Alfred Grima qal li hu nformat mill ex segretarju eżekuttiv li hu qiegħed f'korrispondenza dwar din il-kwistjoni u li hu personali oġġezzjona bil-kbir mal-ministru konċernat u issuġġerixxa li hekk hemm bzonn il- kunsill jieħu passi legali u ma naċċettax li kif qed jgħid ministru imma li *l-playingfiled* jibqa' f'idejn il-kunsill.,

Il-Kunsilliera Sandra Gauci daħlet għal-laqgħa fis 6.15pm

**7.6 Sitwazzjoni dwar il-Parkeġġ tal- Qawra**

Is-Sindku aġġorna lill-kunsill fuq l-amministrazzjoni tal-parkeġġ u ta spjegazzjoni fuq il -*bye law* li ntbagħtet lid -dipartiment u x'sar mill-kunsill preċedenti dwar il mod kif kellu jiġi amministrat il-parkeġġ u li kien hemm ftiehem li residenti ta' lokalita jħallsu €1.50 kull darba u dawk mhumiex residenti jħallsu €2 kull darba u ma jistawx żommu il vettura iktar minn 72 siegħa, Is-Sindku żied li din *bye law* qatt ma ġiet approvata. Is-sindku kompla li l-spejjez għal dan il parkegg qed jiswa lil kunsill ta' madwar €8000 f' xahar, barra minn hekk il-kuntratt li hemm bħalissa ta' *parker attendents* wasal biex jintemm lejn l-aħħar ta din sena .Il -persuna li qegħda tmexxi il-parkeġġ għamlet kuntatt ma' Segretarju Eżekuttiv biex tkun jaf il-pożizzjoni tagħha jekk mhux ha jiġi mġedded il-kuntratt.
Kien hemm qbil li jinħareġ *tender* fuq sistema ta' apparat għal dħul u ħrug tal-vetturi u il -kunsill jimxi fuq dak li hemm fil- *bye law* għal dak li għandu x'jaqsam ma ħlasijiet u il-quddiem jsiru diskussjonijiet kif ha titħaddem is-sistema tal-ħlasijiet.
Il-kunsill Approva

**7.7 Talba mill -iskola Santa Andrea**

Is-Sindku ta'informażżzjoni dwar talba li għamlu l-iskola Sant' Andrea biex possibilment l-iskola flimkien mal-kunsill tagħmel talba għal uzu mill-fondi tal-Planning Authority li jinzammu dwar l-izvilupp li jkun qed jsir fil-lokalita. Is-Sindku saħaq li f dan l-stadju naraw x inhuma il-propositi u jekk naqblu li Sant' Andrea tuza dawn il fondi jibdew diskussjonjiet.
Il-kunsillier Alfred Grima qal jaqbel biss ma dan il-proġett jekk ma jitmissux il-fondi li gew allokati għal progett ta' Centru Civiku u saħaq li titħol klawsala fil-kuntratt ma l' Awtorita tal- ippjanar xi jkun il-kunsill jigwadanja minn dsn il-proġett.

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Sandra Smart Costatino u sekondat kunsilliera Rachel Williams.

Il-Kunsill Approva.

## 7.9 Quarterly Financial Report 2024

L-Accountant tal-kunsill Sur Adam Vella pprezenta rapport finanzjarju ghat-tielet kwart ta'sena sa l-aħħar ta' Settembru. l-Accountant ta' spjegazzjoni kif tinsab sitwazzjoni finazjarja tal-kunsill, li irreġistra surplus fl-ewwel 9 xhur tas-sena li jammonta għal €27,000, li jindika li l-kunsill jinsab qrib ħafna tas-surplus annwali mbassar ta' €59.000. L-Accountant rrimarka li amount ta. €463K li gew relaxxati mill-bank għadhom ma jidrux fir-rapport għal raguni li gew meħudin f'Ottubru allura ir- rapport finazjarju ha jidher differenti fejn tithol l-ispiza rikorrenti. l-pożizzjoni finanzjarja attwali turi bilanċ pożittiv fejn l-assi totali jaqbżu l-obbligazzjonijiet totali b'€3.77M.
Is-Sindku staqsa fuq l-ammont ta €3.77M li jidhru bħala assi, l-awditur wieġeb li huma assi kollha tal kunsill attwali bħal ma huma vetturi jew *playingfield* pero tneħħi dejjem debitu li hemm pendent sa sal-aħħar ta Settembru.
Il-Kunsillier Alfred Grima gidbet għal-l attenzjoni dwar l-żieda fejn jidħol l-ammont ta' *overtime*.
Kien hemm qbil li l-accountant kellu jibgħat rapport lil kunsill dwar din il-materja.

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Sandra Smart Costantino u ġie sekondata mill-kunsilliera Rachel Williams.
Il-Kunsill Approva.

## 7.10 Ikla tal-Milied staff u kunsilliera

Kien hemm qbil li jintbagħatu kwotazzjonijiet li jammontaw sa €30

## 7.8 Kaz ta'Fra Ben

Il-Kunsillier Alan Bugeja gie skuzat fis 19.00pm minhabba konflitt ta'interess.

Il-kunsillier Clevion Micallef gie skuzat fit-19.15.

L-Avukat John Bonello bħala Avukat tal-kunsill fil-kaz inkwistjoni ntalab jaghti rendikont tas-sitwazzjoni. Dan kien mportanti wara deċizjonijiet li ttiehdu mill-kunsill preċedent fil-laqgħat ta' 27 ta Marzu 2024 fil-minuta 76.12, fil-laqgħa ta'25 ta'April 2024 parti mill-minuta 77.3 , fit-23 ta Mejju 2024 parti mill-minuta78.4 u fil-11 ta'Gunju 2024 fil-minuta 79.7. F'dawn decizzjonijiet il-kunsill preċidenti iddeċida li jzegwixxu sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li jħallas l-ammont kollu dovut lil Vladyslava Kravchenko.Fl-istess laqgħat l-kunsill preċedenti jipproċedi fil-konfront tal-partijiet l-oħra fil-kawza biex jinġbar dak dovut minnhom.

L-avukat semma li f'zmien il-kunsill precidenti kien hemm tentativ bejn l -avukati tal-partijiet kollha biex jaslu fi ftiehem imma din il-proposta ma gietx accetta.
Wara sentenza tal Qorti ta Appell u minkejja li kienu qegħdin jzdiedu l-imgħaxxijiet baqa' ma sar xejn u l-avukat kiteb b'mod ufficjali lil partijiet oħra u ma kienx qed jiehu risposti

Il-kunsilliera Anne Fenech staqsiet lil avukat- għala wara li il-kunsill kien ha id-deċizjoni li jġħati il-kunsens tiegħu għall-izbank ta'somma sekwestrata u kien hemm dan dewmin kollu u l-kunsill spiċċa ħallasna aktar imgħax.Il-kunsilliera Anne Fenech staqsiet jekk ntbatitx ittra ufficjali lil partijiet oħra biex jhallsu differenza. Min-naha tieghu l-avukat wiegeb li ma sartx ghax il-pagement ma kienx għadu gie affetwat.

Is-Sindku irrefera għal erba’ deċiżjonijiet differenti mill-minuti tal-kunsill precendenti u sahaq li finalment biex il flus jigu rrkupprati jrridu jmorru għal proċeduri legali. Minn naha l-ohra kunsilliera li kienu fil-leġislatura preċedenti ikkonfermaw li kien hemm qbil li proceduri għandhom jitkomplew bil-qorti.
Il-kunsilliera Rachel Williams tkellmet li l-kunsill hu entita pubblika ma hemm ebda ħsieb li qed nsalvalgwardjaw lil xi hadd. Is-Sindku sahaq li decizjoni tal-kunsill preċidenti li jipproċedi kontra kullhadd hi x’inhi pozzizjoni tal-lum irrespetivment minn hu involut u kunsill prezenti ha jkompli bl-istess proċeduri maqbulha mill-kunsill precidenti.Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera kollha li jiħallas il-pagament li kien għadu dovut.

Il-kunsillier Anne Fenech giet skuzata fit 20.00pm

Saret diskussjoni jekk għandux jkun l-avukat John Bonello li jkompli fuq il-kaz konċernat, ġie deċiz li jittiehed vot. Is-Sindku ppropona li għal dak li jirrgwardja dan il-kaz il-kunsill jibqa jaghmel uzu mis-servizz l-avukat John Bonello.

Voti Favur : Sindku Censu Galea, Vici Sindku Chris Vella Petroni Kunsilliera -Alex Agius , Sandra Gauci, Rachel Williams , Sandra Smart Costantino, Mary Borg.
Astenzzjonijiet Kunsillier Alfred Grima u l-kunsillier Joseph Mathew Attard.

Il-kunsillier Alfred Grima ġie skuzat 20.15pm

**7.11 Rapporti/jew Approvazzjonijiet ta’Rapport**

Ma kienx hemm

**7.12 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-kunsilliera.**

Domandi mill-kunsillier Alfred Grima

1. Issa li għaddew 4 xhur u nofs mill-ħatra ta’ kunsill ġdid, liema huma t-tenders li ġew konklużi u/jew tressqu għall-approvazzjoni tal-kunsill?

Minn l-informazzjoni li jnagħtat matul il-gimgħat li ghaddew, ma kienx hemm tenders li fil-fatt għalqu f’dan il-perjodu. u allura ma ħargux tenders ġodda għal dawk tenders li għalqu

2. Minkejja li għaddew 4 xhur u nofs mill-ħatra ta’ kunsill ġdid u kaġun li għal diversi drabi ġie rrimarkat dwar li t-tenders marbuta ma Patching ta' Toroq u Bini ta' Bankini (SPB T 09/2019) kif ukoll Tindif ta' Latrini Pubbliċi (SPB/T 02/2024) kienu skaduti, tqum il-mistoqsija; għaliex dawn iż-żewġ tenders baqaw ma ġewx ippubblikati u/jew ma nġibux għall-approvazzjoni tal-kunsill?

Ghal dak li jikkonċerna tender T09/2019 qed jirrizulta li nħarget tender ohra, bin-numru SPB T02/2022 liema tender inħarget fit-28 ta Awissu 2022 u għalqet fis-16 ta' Settembru ta' l-istess sena. Ghal ragunijiet mhux magħrufa ghal dan il-kunsill din it tender baqgħet pendenti, la giet evalwata u lanqas ma giet ikkanċellata. Is-Sur Adrian Mifsud gie ikkuntattjat dwar din it-tender, biex ikun jista' jagħmel evalwazzjoni taghha, izda l-accountant precedenti tal- kunsill ma xtaqitx tkompli taghmel xogħol bhal dan, u in parti ghaliex ghadda ħafna zmien u talab li t-tenderers jigu kkuntattjati biex jaraw ghadhomx lesti jaghmlu x-xoghol bil-prezzijiet li kienu ssottomettew.

Dwar it-tender T02/2024 ghal dak li jikkoncerna l-latrini fil-lokalita tajjeb wieħed jirrimarka li dan is-suggett issemma iktar minn darba matul l-aħħar xhur. Fil-fatt din it-tender partikulari ma skadietx ghaliex għadha qed tigi evalwata. Qabel din it-tender kienet inħarget tender oħra T05/2023, li wara li

giet evalwata kien hemm deċizjoni li titwaqqaf u terga toħrog mill-ġdid b'mod differenti. Ir raguni għala gara dan mhix maghrufa ghall-kunsill prezenti. Peress li l-accountant tal-kunsill ma xtaqitx tkompli tagħmel parti mill-bord ta' evalwazzjoni, l-accountant il-ġdid ġie mitlub jieħu postha. Il-bord għandu jlesti l-evalwazzjoni fi zmien qasir.

3. Liema kienet il-laqgħa li fiha l-kunsill intalab japprova l-istimi marbuta ma ħruġ ta' RfQ's għat-tiżjin ta' toroq fil-ġranet tal-Milied?

Dwar l-RFQ's infurmat li wara li jkun approvat il-ħrug tagħhom, dawn ma kienux jergghu jitilgħu quddiem il-kunsill ghal xi decizjoni ta' l-istess kunsill. L-istess gara fil-kazi ta' RFQ's li hargu matul l-aħħar xhur.

**7.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

Ma kienx hemm

**7.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Il-kunsilliera Rachel Williams ipproponiet u l-kunsilliera Sandra Smart Costantino sekondat rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill

Il-kunsill approva.

**7.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.30 u aġġornat għal-Erbgħa 11 ta' Diċembru fil 17.30